| | IS-SMIGĦ fil-ħajja ta' kuljum, it-tħaddim tal-grammatika u l-letteratura | | |
|---|---|---|---|
| | **Rotta 3** | **Rotta 2** | **Rotta 1** |
| 1 | **Nifhem** u **nwieġeb** għamliet differenti ta' *mistoqsijiet* li jsiruli fuq firxa ta' suġġetti, f'kuntesti u sitwazzjonijiet differenti. | **Nifhem** u **nwieġeb** għamliet differenti ta' *mistoqsijiet* li jsiruli fuq firxa ta' suġġetti, f'kuntesti u sitwazzjonijiet differenti. | **Nifhem** u **nwieġeb** għamliet differenti ta' *mistoqsijiet* li jsiruli fuq ħwejjeġ li naf, f'kuntesti u sitwazzjonijiet differenti. |
| 2 | **Nagħraf** *tonijiet*, *vuċijiet* u *ġesti* differenti mħaddma fil-ħajja ta' kuljum fl-irrakkontar ta' *stejjer*, *qari ta' poeżiji*, *reċti*, *aħbarijiet*, *diskorsi formali* u *informali* bħat-ton ironiku u sarkastiku. | **Nagħraf** *tonijiet*, *vuċijiet* u *ġesti* differenti mħaddma fil-ħajja ta' kuljum fl-irrakkontar ta' *stejjer*, *qari ta' poeżiji*, *reċti*, *aħbarijiet*, *diskorsi formali* u *informali* bħat-ton ironiku u sarkastiku. | **Niddistingwi** sewwa mit-*ton*, il-*vuċi* u l-*ġesti*, ***il-messaġġi*** fl-irrakkontar ta' *stejjer*, *qari ta' poeżiji*, *reċti*, *aħbarijiet*, *diskors formali* u *informali*, u kuntesti oħra. |
| 3 | **Nisma' b'attenzjoni** u **nifhem** *siltiet fattwali* u *fittizji*; inwieġeb mistoqsijiet, diretti, inferenzjali u miftuħa, kemm bil-fomm kif ukoll bil-kitba fuqhom u nqabbilhom mal-esperjenzi tiegħi tal-ħajja. | **Nisma'** u **nsegwi** *testi informattivi* u *aħbarijiet*, fosthom dawk li m'iniex midħla tagħhom, bħal dawk fuq l-ambjent, il-kultura, ġrajjiet kurrenti, bijografiji u kurżitajiet. | **Nifhem** *istruzzjonijiet* li nisma' u li jagħtini xi ħadd bl-użu ta' forom differenti tal-imperattiv, fosthom espressjonijiet idjomatiċi f'kuntesti differenti fil-ħajja ta' kuljum, kemm fil-pożittiv kif ukoll fin-negattiv, bħal *Iftaħ il-bieb*, *Twaħħalx bil-kolla*, *La tisraqx*, *Qatt m'għandkom tagħmluha ma' min hu agħar minnkom*, *Oqgħod b'seba' għajnejn u moħħok hemm*, u l-bqija. |
| 4 | **Nifhem** u **nsegwi l-ordni** jew **is-sekwenza** li fiha jingħataw sett ta' istruzzjonijiet marbutin ma' kuntesti tal-ħajja tiegħi ta' kuljum, fosthom dawk li nisma' fuq mezzi tal-midja, li jkun fihom vokabularju addattat għas-sitwazzjoni, ngħidu aħna istruzzjonijiet ta' riċetta, ta' kif inħaddem apparat elettroniku. | Filwaqt li **nisma'** *rakkont fattwali* u *fittizju*, **nislet** id-dettalji importanti u **ninnota** xi tixbihat u aġġettivi li jżewqu r-rakkont u jħallu effett fuq l-udjenza. | **Nisma'** u **nifhem** *avviż* jew ġabra ta' avviżi bil-fomm u minn mezzi teknoloġiċi marbutin kemm mal-ħajja tiegħi ta' kuljum kif ukoll ma' dik tal-komunità li ngħix fiha, avviżi li jkun fihom id-dati, ħinijiet u dettalji oħra ewlenin, bħal avviż fuq ġurnata sportiva fl-iskola, kors tal-kompjuter organizzat mill- |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | Kunsill Lokali, oġġett jew pet mitluf u l-bqija. |
| 5 | **Insegwi** u **nifhem** *reklami* filwaqt li nislet u nimmemorizza dettalji importanti minnhom bħal reklam fuq kunċert li se jsir f'Malta, reklam fuq prodott ġdid fis-suq, reklam ta' karozza jew logħba diġitali. | **Insegwi** u **nifhem** *reklami* filwaqt li nislet u nimmemorizza dettalji importanti minnhom bħal reklam fuq kunċert li se jsir f'Malta, reklam fuq prodott ġdid fis-suq, reklam ta' karozza jew logħba diġitali. | **Nisma'**, **insegwi** u **nifhem** *reklami* fuq oġġetti u postijiet, fosthom dawk li mhux daqshekk midħla tagħhom, bħal reklami ta' prodotti u servizzi. |
| 6 | **Nisma'** u **nsegwi** *kanzunetti* filwaqt li nislet ħsibijiet u sentimenti li jkunu qed iwasslu. | **Nisma'** u **nsegwi** *kanzunetti* filwaqt li nislet ħsibijiet u sentimenti li jkunu qed iwasslu. | **Nifhem** u **nirreaġixxi** bil-*fomm*, bil-*kitba* u bil-*ġesti* għal *testi* li nisma' fil-ħajja ta' kuljum u *letterarji*, u **nqabbilhom** mal-esperjenzi tiegħi tal-ħajja ta' kuljum. |
| 7 | **Nisma'** *test letterarju* u nagħraf il-*plott*, l-*ambjent* u l-karatteristiċi ewlenin tal-*karattri prinċipali* u *sekondarji*. | **Nisma'** u **nagħraf** eżempji ta' *alliterazzjoni*, *rima*, *onomatopea*, *metafori sempliċi*, *personifikazzjoni* u *similitudnijiet* f'testi mismugħa. | **Nisma'** u **nsegwi** *kanzunetti* u *poeżiji*, u **nislet** minnhom waħdi s-suġġett, u **nqabblu** u **ninterpretah** skont u mal-esperjenzi tiegħi. |
| 8 | **Nifhem** meta jkellmuni **b'reġistri differenti** tal-Malti fosthom fuq oqsma bħall-Matematika, ix-Xjenza, il-Ġeografija, l-Istudji Soċjali, l-Istorja, ir-Reliġjon, it-Teknoloġija tal-Informatika, ix-Xjenza Domestika, l-Edukazzjoni Fiżika u d-Disinn Teknoloġiku, l-Istudju fuq l-Iżvilupp Personali, id-Drama u l-Arti Espressiva. | **Insegwi** u **nifhem** il-*plott*, il-*karattri* u l-*isfond* ta' testi u rappreżentazzjonijiet bħal reċta, film, storja, dramm u l-bqija. | **Insegwi** u **nifhem** il-*plott*, il-*karattri* u l-*isfond* ta' testi u rappreżentazzjonijiet bħal reċta, film, storja, dramm u l-bqija. |